MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 58/2004

**Noel Sultana**

**vs**

**Marvic Mercieca**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Il-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mija u wiehed u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm181.50) rapprezentanti bilanc dovut minn somma akbar ghal xoghol u parts fuq il-vettura tal-marka Subaru li saru mill-attur fuq struzzjonijiet tal-konvenut.

Bl-ispejjes u imghaxijiet skond il-ligi."

Ra li l-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz fit-23.07.2004;

Ra l-kapitoli ipprezentati mill-attur fis-seduta tal-lum;

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut ma deherx u dan bla ma gab ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta’ dehra tieghu;

U billi l-ammont pretiz m’huwiex iktar minn LM250;

U billi ma hemmx raguni l-ghala l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ LM181.50 bilanc minn somma ikbar ta’ xoghol u parts fuq vettura tal-marka Subaru, bl-imghax mid-data ta’ din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv u bl-ispejjez a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------